MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 384/2009

**Alison Vassallo (ID 419280 M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera GEMAK GEMI INSAAT SANAYI VE TICARET AS**

**vs**

**Il-bastiment "BODRUM" u b' digriet tal-20 ta' Mejju 2009 Dr Francesco Depasquale gie nominat bhala kuratur sabiex jirrapprezenta l-interess tal-bastiment konvenut**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Alison Vassallo in nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS datat 20 ta' April 2009 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi fis-26 ta' Awissu 2008 is-socjeta` rikorrenti bdiet tipprovdi servizzi ta' riparazzjonijiet fuq il-bastiment BODRUM gewwa l-port ta' Tuzla fit-Turkija, l-ahhar port li kien fih il-bastiment BODRUM qabel ma’ dan ghamel il-vjagg lejn Malta. Dawn it-tiswijiet saru *ai termini* ta' *order form* li kien gie ffirmatat mis-socjeta` Bodrum Maritime Inc bhala sid tal-istess bastiment.

Illi minhabba s-sitwazzjoni ekonomika prevalenti, il-partijiet qablu illi *nonostante* illi gja` saru hafna xoghlijiet ta' riparazzjonijiet mis-socjeta` rikorrenti, dawn ix-xoghlijiet ma jitkomplewx.

Illi bhala rizultat tas-suespost fil-5 ta' Dicembru 2008 gie ffirmat *Protocol* bejn sid il-bastiment intimat u s-socjeta` rikorrenti (hawn anness u mmarkat AVI) li permezz tieghu is-sid tal-bastiment intimat irrikonoxxa d-debitu dovut minnu lis-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' USD2.134.346.

Illi jinghad illi kif rifless minn **artikolu 2** tal-istess *Protocol*, il-partijiet qablu illi dan l-ammont jigi ridott ghal USD1,300,000 b'kundizzjoni li s-sid tal-bastiment intimat jirrispetta t-termini tal-*Protocol*. *Inoltre* minn dan l-ammont ta' USD 1,300,000 thallsu USD200,000 mis-sid tal-bastiment intimat qabel mal-partijiet ikkonkludew il-*Protocol*, filwaqt illi l-ammont ta' USD250,000 gie mhallas mis-sid tal-bastiment intimat simultanjament mal-iffirmar tal-istess *Protocol*.

Illi l-partijiet qablu illi l-bilanc ta' USD850,000 jithallas permezz ta' *installments* li jiskadu fl-20 ta' Jannar 2009, 20 ta' Frar 2009 u l-20 ta' Marzu 2009 rispettivament.

Illi *ai termini* tal-**artikolu 8** ta' dan l-istess *Protocol* f’kaz illi wiehed minn dawn l-*installments* ma jigix onorat mis-sid tal-bastiment intimat, l-ammont *intier* dovut minnu lis-socjeta' rikorrenti jigi dovut immedjatament.

Illi *inoltre* sid il-bastiment intimat intrabat illi bhala sigurta` ghall-hlas ta' dawn l-*installments* huwa jirregistra ipoteka navali fuq il-bastiment intimat a favur tas-socjeta` rikorrenti.

Illi filfatt simultanjament mal-konkluzzjoni tal-*Protocol* tal-5 ta' Dicembru 2008 giet iffirmata fl-istess gurnata *Mortgage deed* ("AV2") bejn Bodrum Maritime Inc u s-socjeta` rikorrenti li permezz taghha giet kostitwita *Second Preferred Mortgage* a favur is-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' USD850,000 u dan kif rifless mic-*Certificate of Ownership and Encumbrance* tal-bastiment intimat ("AV3").

Illi filfatt l-ebda wiehed mill-pagamenti dovuti *ai termini* tal-*Protocol* tal-5 ta' Dicembru 2008 pagabbli fl- 20 ta' Jannar 2009, 20 ta' Frar 2009 u l-20 ta' Marzu 2009 ma gew imhallsa.

Illi sal-1 ta' April 2009 dan id-debitu kien ghadu ma thallasx u ghalhekk is-socjeta' rikorrenti fl-1 ta' April 2009 harget mandat ta' arrest kontra l-bastiment BODRUM.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u r-rikorrent *nomine* jaf li l-bastiment intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni valida x'jissoleva u jaf huwa nnifsu l-fatti kif fuq indikati.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ddispensat mis-smigh tal-kawza *a tenur* tal-**Artikolu 167 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta** ghaliex din l-Qorti m'ghandiex:

1. Tikkundanna lill-bastiment konvenut ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tmien mija u hamsin elf Dollaru Amerikan - USD850,000 (ekwivalenti ghal sitt mija hamsa u hamsin elf tliet mija u tlieta u erbghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€655,343.46) *oltre* l-imghax legali rapprezentanti servizzi ta' riparazzjonijiet ipprovduti mis-socjeta` rikorrenti lill-bastiment intimat.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol. 30 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Mejju 2009.

Rat li l-kuratur deputat nominat sabiex jidher ghall-bastiment Bodrum gie debitament notifikat bir-rikors guramentat u irrimetta ruhu ghall-atti, u dan kollox kif indikat fil-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti inkluz dak tallum 20 ta' Mejju 2009.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-**Artikolu 167** *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proceduri Civili.

Tiddeciedi billi **tilqa` t-talba tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotta fir-rikors guramentat bl-imghax miltub u bl-ispejjez kontra l-intimat b'dan li l-kuratur deputat jithallas skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------